# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


26 ta' Jannar, 2012

.

**Minuti tal-laqgha numru 63(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 63(05) nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, 2012 fil-Berga ta' Franza fil-sitta ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sinjura Miriam Grech u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Kunsillier Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Item 1.2 (62/05) Is-Suq tal-Bdiewa fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall , qal li l-Kunsill rega' bghat korrispondenza ohra lil Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, l-Onorevoli George Pullicino, biex fil-Birgu jibda jsir is-suq tal-bdiewa, imma sa issa l-istess Kunsill ghadu minghajr risposta.

1.2 Item 1.3 (62/05) Ingagg mal-Kunsill ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea

Is-Sindku, pprezenta ghal approvazjoni tal-Kunsill, kopja ta' l-avviz ghal ingagg ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea mal-Kunsill. Il-Kunsilliera prezenti qablu li dan ghandu jintbaghat minnufih lil Kunsilli Lokali u jibda l-process ghal ingagg ta' persuna.

1.3 Item 3(62/05) Is-Sitwazzjoni tas-servizz tal-knis u t-tindif fil-Birgu

Is-Sur John Boxall Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti bis-sitwazzjoni prezenti tas-servizz tal-knis u t-tindif fil-Birgu. Is-Sindku sostna li huwa mportanti li tissejah laqgha mad-direttur tal-kumpanija li f'idejja ghandha dan is-servizz sabiex jitjieb is-servizz li sal-llum ma kienx wiehed sodisfacenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 6(62/05) Taghrif dwar il-Progett Oralities

Is-Sindku tah rendikont dwar il-Progett Oralities u nforma lil Kunsilliera li bejn l-24 u s-26 ta' Frar, 2012, ser issir il-konferenza li jmiss ta' dan il-progett fil-Belt ta' Sliven fil-Bulgarija. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex ghal din il-konferenza tattendi s-sinjorina Christine Bonello, Segretarja Ezekuttiva, flimkien mas-Sinjorina Lara Grima, skrivana ma' l-istess Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 7 (62/05) Taghrif dwar il-progett Seatoland

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva tati rendikont fuq il-progett "Seatoland", progett li huwa ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea. Is-Segretarja Ezekuttiva qalet li l-Kunsill qieghed jahdem flimkien mal-Fondazzjoni Temi Zammit fuq dan il-progett u ghaldaqstant il-Kunsill qieghed jistenna risposta min-naha taghhom sabiex issir laqgha mal-persuna responsabli min dan il-progett is-sur Lawrence Attard.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sitwazzjoni tas-servizz ta' l-Arriva

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sur Ivan Pierre Vella, Senior Manager, fi hdan Transport Malta, li taqa' taht ir-responsabilta tieghu s-servizz tat-Trasport Pubbliku. Is-Sindku zied jghid li wara li gew diskussi l-problemi tas-servizz ta' l-Arriva, f'laqgha li saret fil-15 ta' Novembru, 2011, s-sur Vella permezz ta' l-ittra ddatatat 24 ta' Jannar, 2012, nforma lil Kunsill li mhux ser ikun hemm tibdil fir-rotot ezistenti ghall-perjodu ta' 4 xhur u dan biex jinghata cans lis-servizz jistabillizza ruhu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex kopja ta' din il-korrispondenza tintbaghat bhala *mailshot* lir-residenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Il-Konferenza tal-progett "SECRET"

Is-Sindku s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li fix-xhar ta' Frar 2012, il-Kunsill Lokali tal-Birgu kellhu jorganizza l-konferenza tal-progett "SECRET". Wara

diskussjoni s-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob biex din il-konferenza tigi posposta u bi qbil unanimu gie deciz li l-Kunsill ma jhossux f'pozizzjoni li jorganizza din il-konferenza peress li f'Marzu ser ikun hawn l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.3 Korsijiet offruti mil-Wasteserv Malta Ltd.

Ittra minghand is-Sur Matthew Mallia, mibghta ghan-nom ta' Wasteserv Malta Ltd. Fejn informa lil Kunsill li din il-kumpanija permezz tat-T.R.E.E. Centre ser inieghdu progett gdid fejn ser jigu offruti diversi korsijiet interessanti biex jaghtu iktar gharfien dwar il-qasam ambjentali kif ukoll dwar l-immanigjar ta' l-iskart. Is-Sindku zied jghid li dan il-kors huwa ta' hamsa u ghoxrin siegha u t-total ta' partecipanti f'kull lezzjoni, ma tistax tkun ta' mhux aktar minn tnax-il persuna, fejn il-Kunsill irid ihallas l-ammont ta' € 660+ VAT. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li bhalissa mhux mument opportun li l-Kunsill jissieheb f'dan il-progett, specjalment meta f'Marzu ser ikun hawn l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

2.4 Xoghlijiet fi Triq San Lawrenz min Transport Malta

Korrispondenza mibghuta mil-Perit Daniel Cordina, Perit fi hdan Transport Malta, fejn informa lil Kunsill Lokali tal-Birgu li x-xoghol fi Triq San Lawrenz ser jibdew fi Frar 2012.

2.5 *Lease Agreement* ghall-Amministrazzjoni u l-uzu tal-Berga ta' Franza, mil-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Gie pprezentat *draft lease agreement* ghall-Amministrazzjoni u l-uzu tal-Berga ta' Franza mil-Kunsill Lokali tal-Birgu, mibghut mis-Sur Alexander Grima, konsulent fi hdan l-Ministeru ghall-Kompetizzjoni Gusta, Negozji Zghar u l-konsumatur. Dan id-dokument nqara kollhu waqt il-laqgha tal-Kunsill u bi qbil unanimu gew sottomessi xi tibdil, liema tibdil ghandhom jigu diskussi mal-Ministeru. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed jissugerixxi li dan il-kuntratt ma jkunx ghal tlett snin izda jkun kuntratt ghal zmien indefenit. Barra min hekk f'*item 2,* hemm imnizel li dan il-post ghandu jintuza bhala ufficju amministrattiv, izda l-Kunsill qieghed jitlob biex din tinbidel u ghandu jsir li dan il-post jibda jintuza bhala ufficju tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Gie deciz ukoll li *item 13,* jinbidel u jitnizzel li l-ebda parti min din il-Berga ma' tista tigi *sub-leased*. Dwar dawn it-tibdiliet kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku ssugerixxa sabiex item 2 – korrispondenza jigi sospiz u jigi diskuss item 3. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. Presentazzjoni tal-Budget ghas-sena finanzjarja 2012

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Budget ghas-sena finanzjarja 2012. Is-Segretarja Ezekuttiva, s-Sinjorina Christine Bonello, tat spjegazzjoni ta' dan id-



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

dokument. Wara diskussjoni, s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill japprova l-budget ipprezentat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jiddiskuti Item 5. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**5. Il-Ftuh tal-*Front Offfice* fil-Berga ta' Franza**

Is-Sindku tah rendikont tax-xoghlijiet li qed isiru fil-Berga ta' Franza. Is-Sur John Boxall Sindku qal li l-*Front Office* jinsab kwasi lest u l-garigor ser gie restawrat. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta dwar it-talba ghal pagamenti tax-xoghlijiet mibghuta lil Onor. Dr. Chris Said.

**6. Il-Progett tal-Gnien tal-Hawli**

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li dan il-progett bhalissa rega' jinsab wieqaf minhabba l-problema tal-katusa ta' l-ilma tax-xita li tidher li gejja min that il-flats ta' Blokk G entratura D. Is-Sindku zied jghid li ntbghatet kwotazzjoni lil Awtorita tad-Djar, sabiex dan ix-xoghol issir mil-aktar fis u l-Kunsill qieghed prezentament jistenna risposta min-naha ta' din l-Awtorita.

**8. Affarijiet Ohra**

8.1 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:30 ta' filghaxija u l-kontinwazzjoni ta' din il-laqgha ser issir nhar il-Hamis 26 ta ' Jannar, 2012 fil-5 ta' filghaxija .

Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall<br>Sindku